**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Hamis 9 ta' Jannar 2020**

**Rikors nru: 355/2019 AGV**

**AB ( ID nru: 493155 M)**
**Vs**
**CD ( ID nru: 898452M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB datat 30 ta' Lulju, 2019 fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl- 1 ta' April 1978, hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;
2. Illi l-partijiet sseperaw fit- 22 ta' Lulju 1994, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Cassar, u ghalhekk ilhom jghixu separate ghal aktar minn 4 snin (hawn anness u mmarkat bhala Dok B);
3. Illi ma hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom, stante illi illum ghandhom hajja totalment sperata minn xulxin;

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni bejnthom dwar manteniment stante illi bint il-partijiet illum hija maggorrenni, u l-partijiet irrinunzjaw ghal jedd ta' manteniment minghand xulxin;
5. Illi ghaldaqstant, l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbili mil-Ligi biex jinghataw id-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant l-esponent f' dac-cirkostanzi jitlob bir-rispett lil Onorabbli Qorti ;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
b. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk joghgobha huwa jinforma lid-direttur tar-registru pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-registru pubbliku.

Il-Qorti rat ir-risposta guramentata ta' CD datata 11 ta' Dicembru 2019 fejn espona bir-rispett ;

1. Illi huwa minnu li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' April 1978 u dan sehh fil-Parrocca ta' Hal-Tarxien;
2. Li miz-zwieg taghhom kellom tifla wahda E fil-5 ta' April 1980 u ghalhekk illum hi ghandha 39 sena;
3. Illi l-partijiet sseperaw legalment permezz ta' seperazzjoni bonarja ai termini tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Cassar datat 22 ta' Lulju 1994, liema kuntratt gie anness mar-rikors guramentat ta' martu;
4. Illi martu kienet irrevertiet ghal kunjom xbubitha, u cjoe B ai termini tal-kuntratt tas-seperazzjoni ;
5. Illi huwa mhux joggezzjona ghat-talba ta' martu sabiex l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg taghhom;

6. Illi huma ilhom separati ghal aktra minn 25 sena u qatt ma irrinkonciljaw mid-data tas-seperazzjoni;
7. Illi ma hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
8. Ill ma hemm l-ebda kwistjoni ta' arretrati ta' manteniment;
9. Illi huwa jaqbel li huma jissodisfaw ir-rekwiziti stabbiliti mil-Ligi ai termini tal-Artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, sabiex jinhall z-zwieg taghhom;
10. Illi huwa ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri odjeni.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**